**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 1/2022**
**Wara sentenza tal-Arbitragg Mandatorju M5120/2017CC**
**Datata 17 ta' Marzu, 2022**

**Frank Xuereb u Joseph Xuereb**

**vs.**

**Joseph Farrugia**
**Citadel Insurance plc**

**Illum 16 ta' Novembru, 2022**

**Il-Qorti;**

1. Illi dan huwa appell tal-intimat Joseph Farrugia minn deċizjoni ta' Arbitraġġ Mandatorju datata 17 ta' Marzu, 2022 fejn ġie deċiż kif isegwi:

*'L-Arbitru, minn analizi tal-provi u x-xhieda prodotti fl-atti ta' dan l-Arbitragg, jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura ABD 885, u cioe ir-rikorrenti Joseph Xuereb, applika l-principji esposti, u jirrizulta li ghamel dak kollu li seta' fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz sabiex jevita li jsehh l-incident. L-*

*Abritru tosserva ulterjorment li ta' importanza partikolari huwa l-point of impact bejn iz-zewg vetturi, fattur indikattiv li s-sewwieq tal-vettura ABD 885 immanuvra sabiex possibilment l-incident jigi evitat. Madankollu, l-manuvra tal-vettura BCA 341 wasslet ghall-incident.*

*Rigward il-quantum tad-danni reklamat mir-rikorrenti, jirrizulta li l-ammont gie sodisfacentement ippruvat mid-dokumenti ezebiti fl-atti.*

*Illi minn analizi tax-xhieda u tad-dokumentazzjoni produtta mill-partijiet fl-atti ta' dan l-Arbitragg, hija l-fehma kunsiderata ta' l-Arbitru li l-versjoni mressqa mir-rikorrenti hija kredibbli, u ghalhekk isegwi li t-talbiet avvanzati gew sodisfaċentement ppruvati.*

<u>*Decide*</u>

*Ghal dawn il-motivi, l-Abritru tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif avvanzati fl-Avviz tal-Arbitragg datat 31 ta' Lulju 2017, bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.'*

2. Illi l-lodo appellat ngħata wara li l-appellati rikorrenti Frank Xuereb u Joseph Xuereb sostnew li seħħ inċident awtomobilistiku nhar it-23 ta' Settembru, 2016 fi Triq Viani, Victoria, Għawdex f'liema inċident kienet involuta l-vettura ABD 885 misjuqa minn Joseph Xuereb u proprjeta' ta' Frank Xuereb u l-vettura BCA 341 misjuqa mill-appellant Joseph Farrugia. Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimat appellant kien

unikament responsabbli għall-inċident bejn iż-żewġ vetturi u talbu l-ħlas ta' danni fis-somma ta' €1219 oltre drittijiet u spejjeż.

3. Fir-risposta tiegħu l-intimat Joseph Farrugia eċċepixxa illi l-inċident tat-traffiku *de quo* seħħ minħabba sewqan bla kont da parti tar-rikorrenti, b'nuqqas ta' ħsieb u minħabba inosservanza grassa tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu. Di piu, ir-rikorrenti ma żammx *proper look out* kif titlob il-Liġi. Talab għalhekk li t-talba tar-rikorrenti tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Jirriżulta li l-intimata Citadel Insurance plc ġiet debitament notifikata bl-atti tal-Arbitraġġ fit-2 ta' Awissu 2017 iżda ma preżentat l-ebda risposta.

4. Rat illi l-intimat appella mid-deċiżjoni u fil-qosor l-aggravju tiegħu huwa fis-sens li għalkemm l-arbitru fil-lodo tagħha għamlet referenza għal żewġ prinċipji bażiċi fis-sewqan u cioe' (i) dik li kull sewwieq jirregola s-sewqan skont il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi u (ii) id-dmir ta' kull sewwieq li jżomm dak li komunement jissejjah a reasonable look out; skont l-appellant l-abtritu applikat dawn il-prinċipji b'mod manifestament żbaljat. Isostni li kien ir-rikorrent Joseph Xuereb li naqas milli jżomm *proper lookout* cioe':

(i) dak li s-sewwieq jara dak li jkun raġjonevolment viżibbli;
(ii) id-dmir li s-sewwieq għalhekk jara dak li huwa *in plain view;*

(iii) *the duty to look implies the duty to see what is in plain view.*

L-appellant jagħmel ukoll referenza għall-*Highway Code* partikolarment ir-regoli 157, 158 u 159 li jaqraw kif isegwi:

'157. KEEP WELL TO THE LEFT, *except when you intend to overtake or turn right. Do not keep in the middle of the road. Do not cut corners.*
158. Do not drive too close to the vehicle ahead and drive at such a speed that you can pull up in good time if the vehicle ahead makes a sudden move and slows down or stops. The only safe rule is to never get closer than the overall stopping distance (see typical stopping distances and the 2 second rule under General Advice.
159. Allow at least a two second gap between you and the vehicle ahead on fast roads. Double this at least on wet roads, and increase it even further if there is mud on the road.'

L-appellant jinsisti li kien ir-rikorrenti li naqas milli jsegwi dawn ir-regoli u ħabba f'hekk seħħ l-inċident. L-appellant jagħmel ukoll referenza għar-regolamenti 181 u 183 dwar *overtaking* u jsostni li r-rikorrent naqas b'mod assolut li jimxi ma' dawn ir-regolamenti u jsibha ferm diffiċli biex jifhem il-ġustifikazzjoni tal-arbitru għall-konklużjonijiet milħuqa.

Isostni wkoll li tenut kont tal-*brake marks* li rriżultaw mill-vettura tar-rikorrenti joħroġ ċar, dejjem skont l-appellant, li r-rikorrent naqas milli

jżomm *proper lookout* u milli jżomm mar-regolamenti tat-traffiku. Iżid li stante li l-inċident seħħ f'ċentru abitat huwa għalhekk ċar kemm kien ir-rikorrent stess li kkawża l-inċident u mhux li prova jagħmel xi manuvra biex jevita l-inċident.

Talab għalhekk li din il-Qorti tirrevoka l-lodo billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat appellant, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

5. Rat illi r-rikorrenti appellati fil-qosor irrispondew illi l-appell huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud. Isostnu li fl-appell tiegħu stess l-intimat appellant jagħmel referenza għal regolament dwar 'overtaking' (numru 157) li hu stess naqas milli japplika b'konsegwenza li seħħ l-inċident. Jinsistu li l-inċident seħħ għaliex l-appellant għażel li sabiex jidħol fil-garaxx li kien fuq in-naħa tax-xellug l-ewwel idur fuq il-lemin mingħajr ebda sinjal b'dana li mar *wrong side* u ħabta u sabta kiser fuq ix-xellug u għalaq il-karreġġjata tar-rikorrent appellat Joseph Xuereb. Min-naħa l-oħra Joseph Xuereb jinsisti li kien qiegħed isuq b'veloċita' li ma teċċeditx it-tletin kilometru fis-siegħa u x'ħin induna bil-manuvra ażżardata tal-appellant għamel tentattiv biex jevita l-inċident billi għafas il-brake iżda ma ma kellux fejn imur u seħħet il-ħabta.

Illi fir-risposta dettaljata tiegħu l-appellat jagħmel elenku wkoll ta' diversi partijiet mix-xhieda mogħtija mill-appellant fejn skont l-

appellat Joseph Farrugia kien inkonsistenti fix-xhieda tiegħu b'dana li l-verżjoni tal-istess Joseph Farrrugia xejn ma għandha tiġi meqjusa bħala kredibbli.

Finalment għalhekk l-appellat isostni li filwaqt li rriżulta li huwa żamm 'proper lookout', l-appellant għamel manuvra skonsiljata, ażżardata u traskurata b'dana li seħħ l-inċident. Għalhekk l-appellat jinsisti li l-lodo għandu jiġi konfermat.

6. Semgħet lill-konsulenti legali tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2022 u ddifferiet l-appell għad-deċiżjoni għal-lum. Rat l-atti kollha tal-appell u tal-abitraġġ.

**Kunsiderazzjonijiet**

7. Illi jirriżulta lill-Qorti li l-Arbitru waslet għad-deċiżjoni tagħha dwar l-inċident awtomobilistiku hawn fuq deskritt wara li kkunsidrat il-provi segwenti:

'L-Arbitru zammet sitt seduti datati 26 ta' Ottubru 2018, 23 ta' Novembru 2018, 1 ta' Frar 2019, 1 ta' Marzu 2019, 12 ta' Lulju 2019, 29 ta' Novembru 2019. Il-verbali tas-seduti mizmuma, qedghin jigu hawn riprodotti testwalment:

*'Seduta mizmuma illum 26 ta' Ottubru 2018 fl-1030am, il-Qorti ta' Ghawdex.*

*Prezenti ir-rikorrenri assistit minn Dr Daniel Calleja u l-intimat assistit minn Dr Renata Farrugia.*

*Jixhed ir-rikorrenti Frank Xuereb*

*Frank Xuereb, bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Il-vettura ABD 885 Toyota Corolla li kienet involuta f'incident, jiena il-propjetarju. Jiena ma kontx fuq il-post ta' l-incident.*

*Jiena niftakar li kien cempilli missieri, u infurmani li kien habat. Jiena ma niftakarx kemm kien ghadda zmien li konna bqajna minghajr din il-karozza.*

*Il-hsarat kienu fuq in-naha ta' quddiem fuq in-naha tax-xufier.*

*Kontro-ezami*

*Milli niftakar jidhirli li l-habta saret fuq il-genb il-bieba ta' quddiem. Jiena nikkonferma r-ritratti li jinsabu a fol 6 tar-rapport.*

*Jiena ma fitixtx brake marks.*

*Moqrija*

*f/t Frank Xuereb*

*Jixhed Joseph Xuereb*

*Joseph Xuereb, bil-Malti u bil-gurament jghid*

*Jiena kont qed insuq vettura ta' l-ghamla Toyota meta gara l-incident. Il-karozza hija tat-tifel tieghi.*

*In-numru tar-registrazzjoni tal-vettura huwa ABD 885.*

*Jiena kont gej minn fuq il-main road u ksirt fuq l-ewwel triq. Imbghad kien hemm il-karozza li kien quddiemi u kiser in-naha l-ohra, u cioe lejn il-lemin. Jiena kont niezel l-isfel, direzzjoni lejn iz-Zebbug, u kont ser nitla l' fuq ghal fejn il-gymnasium.*

*Ta' quddiemi kiser fuq il-lemin u jiena bqajt miexi bi dritt, u imbaghad sibt il-karozza li kienet quddiemi rega kiser ghal fuqi. Il-karozza ta' quddiemi kien ser jidhol go xi garaxx u kien sab lili.*

*Jiena ippruvajt nikser ftit biex niskapulah imma ma kelliex fejn immur. Qed nigi muri ritratt 4/7 tar-rapport u nikkonferma li l-karozzi spiccaw hekk.*

*Waqt li kien qed jipprova jidhol gol-garaxx, hu ma ghamel xejn, cioe ma xeghelx indicator. Qed nigi moqri l-istatement li jiena tajt fuq il-post u nikkonfermah.*

*Qed nigi moqri l-istatement tax-xufier l-iehor u nghid li hu xeghel l-indicator wara li hbatna. Jiena naf b'dan peress li qabel ma kienx mixghul imma kif inzilt mill-karozza rajtu jixghel. Wara li hbatna x-xufier l-iehor gab ukoll il-pjanci tat-trial run, li naraf fir-ritratt a fol 7 minn 7.*

*Il-pjanci jidhirli li gabhom mill-garaxx.*

*Id-daqqa fil-vettura tieghi kienet fejn hemm l-indicator u aktar lura, il-fanal, il-mudguard u l-bonnet, fuq in-naha tal-lemin.*

*Il-hsarat tal-vettura l-ohra kienu fil-genb in-naha tax-xellug. Nikkonferma ritratt 6/7, u 5/7, u 4/7.*

*Nikkonferma l-isketch u nghid li ahna konna qed insuqu wara xulxin. Jiena kont ghaddej b'madwar 30 kilometru velocita.*

*Nghid li x-xufier kien saq fil-genb ta-lemin li jiena hsibtu ipparkja, u f'daqqa wara kiser biex jidhol fil-garaxx.*

*Bhala hsarat kellna il-bonnet, mudguard, zewg fanali, bumper u xibka. Bhala spejjez telghu madwar tnax il-mija.*

*Nghid li x'hin hrigt mill-karozza qalli li ma ranix gej.*

*Kontro ezami*

*Jiena kont qed insuq wara l-intimat. Kont imbieghed tul ta' madwar tlett karozzi. L-intimat kiser in-naha l-ohra u hsibtu ser jipparkja.*

*Nikkonferma li jiena kont gej bit-30 kilometru u l-intimat rajtu jikser lejn il-lemin, u imbaghad jikser ghal fuqi.*

*Nghid li jiena ma kontx ghaddej b' velocita ta' aktar minn 30. Jiena ma stajtx ghax hu kien quddiemi.*

*B'referenza ghal brake marks nghid li jiena hadt il-brake mill-ewwel biex ma jidholx go fijja. Jiena nghid li ma stajtx insuq aktar minn 30 kilometru fis-siegha.*

*Jiena nikkonferma li l-hsara fil-karozza ta' l-intimat kienet fil-genb bejn il-bieba ta' wara u ta' quddiem. Jiena ma kellix passigieri mieghi fil-karozza.*

*Qed nigi muri 5/7 l-ewwel ritratt nikkonferma li dik hija l-vettura li kont qed insuq u l-brake marks.*

*Ri-ezami*

*Nghid li jiena l-brake kont hsadtu, peress li ghaffastu mill-ewwel.*

*Moqrija*

*f/t Joseph Xuereb*

*An l-Arbitragg qed jigi differit ghal kontinwazzjoni ghat-23 ta' Novembru 2018 fl-1030am, il-Qorti ta' Ghawdex.*

*<u>Seduta mizmuma illum 23 ta' Novembru 2018 fl-1030am, il-Qorti ta' Ghawdex.</u>*

*Prezenti ir-rikorrenti assistit minn Dr Daniel Calleja u Dr Renata Farrugia ghal intimat.*

*Jixhed Warden 248 David Vella prodott mir-rikorrenti*

*Warden 248 David Vella, bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Qed nesebixxi kopja tal-wardens report li sar rigward l-incident tat-23 ta 'Settembru 2016, Dokument DV.*

*Dan l-incident gara Triq Viani, Rabat Ghawdex. Nghid li mill-isketch il-vettura B, hija skuntrata. BCA 341 hija vettura B.*

*Ix-xufier tal-vettura BCA 341 kienet taghni l-versjoni tieghu li hija mnizzla fir-rapport.*

*Skond kif nista nifhem jidher li tal-vettura B kiser xi ftit aktar mill-karregjata biex jidhol fil-garaxx. Nispjega li linji fit-triq ma hemmx. Nghid ukoll li l-vettura A, kien ghaddej ghad-dritt.*

*Qed nimmarka b'linja dritt fuq ir-ritratt 4 minn 7, fejn jigi n-nofs tat-triq.*

*Kontro-ezami*

*Il-vettura A tidher li hija ftit skuntrata, fl-opinjoni tieghi din hija hekk minhabba d-daqqa. Qed jigi suggerit lili li din il-vettura l-ohra kienet gejja bi speed nghid li hemmhekk ma tistax taghddi bi speed, u naqra l barra hemm anke centre strip. Il-vettura A daret bid-daqqa li taghata l-vettura l-ohra, peress li l-vettura B kienet gejja minn naha tal-lemin.*

*Nikkonferma li kien hemm l-brakemarks, li huma mnizzlin fl-isketch ukoll.*

*Jiena nikkonferma wkoll ir-ritratti f'pagna 6.*

*Moqrija*

*F/t*

*Warden 248 David Vella*

*Jixhed Carmelo Borg, prodott mir-rikorrenti.*

*Carmelo Borg bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Nghid li jiena kont nahdem part time panel beater.*

*Nikkonferma li s-Sur Xuereb kien gie ghandi, u qed naghraf l-invoice li hrigt jiena. Din l-invoice jiena hrigta lil Joseph Xuereb, din l-invoice qed tigi immarkata bhala Dokument CB.*

*Niftakar li l-parts kien xtrahom Xuereb, u jiena kont ghamilt ix-xoghol taz-zebgha, u x-xoghol tal-body.*

*Qed nigi muri ritratt a fol 6 u nikkonferma li din kienet il-vettura. Kien hemm mudguard, bonnet, bumper, fuq in-naha tal-lemin tal-vettura.*

*Bhala xoghol jiena ghamilt dak li ried sid il-karozza.*

*Kontro-ezami*

*Fejn hemm 300 euros, jiena ma ghamiltx spiza ta '300 euros, peress li l-parts gabhom hu. Jiena ghandi x'naqsam ma 1-849 euros. Jiena kont tajtu dik l-invoice. Jiena ghadni ma thallasx u hrigt l-invoice.*

*Dan l-ammont ma jinkludix vat.*

*Moqrija*

*f/t Carmelo Borg.*

*Dr Renata Farrugia ghal intimat tinsisti illi f'dan l-istadju tigi pprezentata ircevuta ufficjali, u dana stante illi bl-invoice ma hemm l-ebda garanzija li dak huwa l-ammont reali dovut lilu. Dr Daniel Calleja ghar-rikorrenti jiddikjara anke kif xehed ix-xhud Carmelo Borg dak l-ammont ghadu ma thallasx u ghalhekk l-ircevuta fiskali ma tistax tigi prodotta.*

*Dan l-Arbitragg qed jigi differit ghal konkluzjoni provi rikorrenti ghal-1 ta 'Frar 2019 fl-1030am, il-Qorti ta 'Ghawdex.*

*Seduta mizmuma illum 1 ta' Frar 2019 fl-1030am, il-Qorti ta' Ghawdex.*

*Prezenti ir-rikorrenti Joseph Xuereb assistit minn Dr Daniel Calleja u Dr Renata Farrugia ghal intimat.*

*Dr Daniel Calleja jinforma l-Arbitru li huwa ngunga ghas-seduta ta' llum lil Natalino Agius, liema xhud jirrizulta li gie debitament notifikat fid-29 ta' Novembru 2018.*

*Natalino Agius imsejjah diversi drabi ma deherx. Dr Daniel Calleja jitlob li jinghata provvediment rigward in-nuqqas ta' dehra ta' dan ix-xhud. L-Arbitru tilqa' t-talba.*

*Dan l-Arbitragg qed jigi differit ghal konkluzjoni provi rikorrenti ghal-1 ta' Marzu 2019 fl-11am, il-Qorti ta' Ghawdex.*

*Seduta mizmuma illum 1 ta' Marzu 2019 fl-11am, il-Qorti ta' Ghawdex.*

*Prezenti ir-rikorrenti Joseph Xuereb assistit minn Dr Daniel Calleja u Dr Renata Farrugia ghal intimat.*

*Dr Daniel Calleja qed jesebixxi b'nota kopja ta' l-ittra ufficjali enumerata 206/2017/*

*Jixhed Natalino Agius, prodott mir-rikorrenti.*

*Natalino Agius bil-Malti u bil-gurament jghid*

*Qed nesebixxi kopja ta' survey report immarkat bhala Dokument NA 1 redatt minni rigward hsarat kkonstatati fuq vettura ta' l-ghamla Toyota Corolla ABD 885, li taghjjat lil Frank Xuereb, u liema survey sar fit- 8 ta' Ottubru 2016.*

*Il-vettura kellha hsara fuq quddiem in-naha tal-lemin, li bl-istess hsara kien hemm involuti bhala parts, il-bumper, right indicator, headlamp u right front mudguard, u front valance.*

*Dawn il-hsarat bhala parts kienu stmati circa ta' tlett mitt ewro, second hand. Fuq ir-rapport hemm il-lista tal-parts.*

*Bhala tiswijiet kien hemm il-bonnet, front panel, inner panel fejn izomm il-mudguard, u l-bumper kien ghat-tiswija wkoll.*

*Bhala xoghol tat-tiswija u spray kienu jammontaw Euro849.13c inkluz il-vat. Kien hemm ukoll Euro70 loss of use li jirraprezentaw hames ijiem.*

*L-ammont globali tal-hsarat fuq din il-vettura kien ta 'Euro1219.13c, li jinkludi loss of use u vat.*

*Kontro ezami*

*Nghid li din il-vettura hija tas-sena 1989, ta 'Malta.*

*Total loss japplika meta l-ispejjez tal-hsarat ikunu jeccedu l-valur tal-karozza.*

*Nghid li rigward il-valur tal-karozza, tenut kont li rajniha fis-sena 2016, il-valur taghha huwa ta 'madwar Euro1500-Euro1600, tenut kont il-kundizzjoni taghha. Kellha alloy wheels li kienu extra.*

*Ir-rikorrenti jiddikjara li ma ghandux aktar provi.*

*An l-Arbitragg qed jigi differit ghal provi intimat ghal 5 ta 'April 2019 fl-12am, il-Qorti ta 'Ghawdex.*

*<u>Seduta mizmuma illum 12 ta 'Lulju 2019 fl-1030am, il-Qorti ta 'Ghawdex.</u>*

*Prezenti ir-rikorrenti Joseph Xuereb assistit minn Dr Daniel Calleja u Dr Joseph Grech ghal intimat Joseph Farrugia.*

*Jixhed l-intimat Joseph Farrugia.*

*Joseph Farrugia bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Nghid li jiena kont ghaddej minn Triq Viani, li hija t-triq tar-residenza tieghi, fejn ghandi anke l-garaxx, kont sejjer minn Triq ir-Repubblika lejn Marsalforn.*

*Jiena xeghelt l-indicator biex nikser fuq in-naha tax-xellug, u fis-siegha u l-hin nisma kraxx ta 'tyres kbir li dam sitt sekondi jew aktar, u nhoss daqqa gol-karozza.*

*Id-daqqa giet fuq il-genb tal-passiggier.*

*Nghid li jiena kont diehel gol-garaxx tieghi.*

*Nghid li din hija triq wiesa 'bil-karozzi ipparkjati fuq iz-zewg nahat.*

*Nghid li kien hemm vetturi ipparkjati qrib il-garaxx tieghi.*

*Jiena nahseb li r-raguni tal-habta kienet overspeeding minhabba li kien hemm brakemarks ta 'diversi metri, kif jidher fuq l-isketch, kif ukoll ix-xufier kellu reaction time sabiex jarani u jieqaf.*

*Biex nikser lejn Triq Viani minn Triq ir-Repubblika trid tikser 90 degrees.*

*Nghid li l-konfigorazzjoni tat-triq minn Triq ir-Repubblika ghal Triq Viani hija wahda dritta u wiesa u hemm madwar 300 metru minn fejn gara l-incident.*

*Nghid li x-xufier l-iehor kellu d-daqqa fuq quddiem fuq il-lemin, u jiena d-daqqa kienet il-bieba ta 'wara n-naha tal-passigier, u cioe tax-xellug.*

*Nghid li l-insurance tax-xufier l-iehor ammettew it-tort u koprewli d-danni kollha.*

*Kontro ezami*

*Qed nigi mistoqsi li bhala distanza bejn Triq ir-Repubblika u Triq Viani, fil-punt fejn gara l-incident, hemm inqas minn 300 metru, nghid li iva jista ikun, pero ma nafx kemm hemm.*

*Nghid li hemm distanza ta 'madwar ghaxart idjar, u ma hemmx tlett mitt metru.*

*Naqbel li biex tikser ghal Triq Viani trid tikser 90 degrees.*

*Naqbel li biex tidhol lejn din it-triq trid tnaqqas l-velocita sew.*

*Jiena ma nafx kemm fihom metri l-brake marks. Nghid li jirrizultaw mill-isketch.*

*Qed issirli referenza ghal-isketch u ghat-tieni ritratt fol 6/7, naqbel li l-karozza tieghi hija l-hamra. Qed nigi mistoqsi li d-daqqa kienet fil-bieba ta 'quddiem u mhux ta 'wara, nghid li d-daqqa kienet fuq iz-zewg bibien.*

*Ma niftakarx fejn kienet id-daqqa principali, li jidher mir-ritratti li kienet fuq iz-zewg bibien.*

*Nghid li jiena enfasizzajt fuq il-bieba ta 'wara peress li l-insurance sabuli l-bieba ta ' quddiem bla problemi, pero l-bieba ta 'wara kellha tigi ordnata.*

*Rigward ix-xufier l-iehor nghid li jiena nahseb li kien qed isuq hafna, u kkonkludejta mill-hoss tat-tyres u mill-brakemarks.*

*Qed nigi muri l-ewwel ritratt ta 'fol 6/7 ta 'l-isketch qed nigi mistoqsi li jiena mort kontra l-linja, u nghid li le, imma parti. Qed nimmarka b'ittra X fejn huwa n-nofs tat-triq.*

*Nghid li jiena zvijajt daqsxejn sabiex nidhol ghal garaxx tieghi.*

*Bhala polza, jiena bhala car dealer, ghandi polza li tkopri l-karozzi kollha li nsuq. Jiena qed nghid li l-insurance tax-xufier l-iehor ammettiet t-tort.*

*Jiena ma niftakarx jekk kontx ghamilt claim.*

*Kontro-ezami sospiz*

*Ri-ezami*

*B'referenza ghat-triq nghid li ma hemmx sinjal fin-nofs.*

*Nghid li jiena bilfors kelli naghmel din il-manuvra minhabba li kien hemm il-vetturi ipparkjati u ghalhekk ma stajtx nidhol fil-garaxx.*

*Dan l-Arbitragg qed jigi differit ghal kontiwazzjoni provi intimat ghal 25 ta 'Settembru 2019 fl-10am, il-Qorti ta 'Ghawdex.*

*<u>Seduta mizmuma illum 29 ta 'Novembru 2019 fl-1130am, il-Qorti ta 'Ghawdex.</u>*

*Prezenti ir-rikorrenti Joseph Xuereb assistit minn Dr Daniel Calleja u Dr Joseph Grech ghal intimat.*

*Dr Joseph Grech informa lil Arbitru li fadallu jipprezenta dokument li attwalment ma huwiex fil-pussess tieghu.*

*L-Arbitru thalli dan l-arbitragg ghal ahhar darba ghal konkluzjoni provi intimat u trattazzjoni finali.*

*An l-Arbitragg qed jigi differit ghal konkluzjoni provi intimat u trattazzjoni ghal 31 ta ' Jannar 2020 fl-1030am, il-Qorti ta 'Ghawdex.*

Kunsiderazzjonijiet

Dan l-Arbitragg jirrelata incident stradali li gara fit-23 ta' Settembru 2016 fi Triq Viani, ir-Rabat, Ghawdex, bejn il-vetturi targati ABD 885 misjuqa mir-rikorrenti Joseph Xuereb, u l-vettura BCA 341 misjuqa minn Joseph Farrugia.

Mill-provi prodotti jirrizulta li entrambi l-vetturi kienu mexjin wara xulxin, bil-vettura ABD 885 issegwi l-vettura BCA 341. Jirrizulta li l-vettura ta' quddiem, BCA 341 daret ftit fuq il-lemin, u fi ftit sekondi regghet daret ghal fuq ix-xellug, sabiex timmanuvra u tidhol f'garaxx.

Ix-xufier tal-vettura ABD 885 li kienet fuq wara, Joseph Farrugia, jispjega li meta ra lix-xufier ta' quddiem idur fuq il-lemin, huwa istantanjament haseb li kien ser idur u ghalhekk baqa' jsuq sabiex jiskapulah. Gara li meta il-vettura BCA 341 regghet daret fuq ix-xellug sabiex tidhol fil-garaxx, kien tard wisq sabiex l-impatt bejn iz-zewg vetturi jigi evitat, u sehh l-incident *de quo.*

L-Arbitru tosserva li waqt il-proceduri, l-intimat Joseph Farrugia xehed li l-*insurance* tal-kontro parti ammettew it-tort, u huwa thallas tal-hsarat subiti fl-incident, madankollu ma ngabet l-ebda provi dokumentarja dwar dan.

L-Arbitru tosserva li tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta 'incident ta 'traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta 'vetturi, jigifieri:

(a) hu obbligu ta 'kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta 'bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u

(b) hu d-dmir ta 'sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah *a reasonable look out,* liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli. *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view. The duty to look implies the duty to see what is in plain view.*

L-Arbitru, minn analizi tal-provi u x-xhieda prodotti fl-atti ta' dan l-Arbitragg, jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura ABD 885, u cioe ir-rikorrenti Joseph Xuereb, applika l-principji esposti, u jirrizulta li ghamel dak kollu li seta' fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz sabiex jevita li jsehh l-incident. L-Arbitru tosserva ulterjorment li ta' importanza partikolari huwa l-*point of impact* bejn iz-zewg vetturi, fattur indikattiv li s-sewwieq tal-vettura ABD 885 immanuvra sabiex possibilment l-incident jigi evitat. Madankollu, l-manuvra tal-vettura BCA 341 wasslet ghal incident.

Rigward il-quantum tad-danni reklamat mir-rikorrenti, jirrizulta li l-ammont gie sodisfacentement ippruvat mid-dokumenti ezebiti fl-atti.

Illi minn analizi tax-xhieda u tad-dokumentazzjoni prodotta mill-partijiet fl-atti ta 'dan l-Arbitragg, hija l-fehma kunsiderata ta 'l-Arbitru li l-versjoni mressqa mir-rikorrenti hija kredibbli, u ghalhekk isegwi li t-talbiet avvanzati gew sodisfacentement ppruvati.'

Illi kif gia suespost wara dawn il-kunsiderazzjonijiet l-arbitru għaddiet sabiex issib it-tort għall-inċident kompletament fuq l-appellant u laqgħet għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti.

11. Illi fil-mertu l-aggravji tal-appellant jikkonsistu f'nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-fatti tal-arbitru dwar kif seħħ l-inċident u l-applikazzjoni tar-regoli tas-sewqan għall-fatti tal-każ u għalhekk għall-konklużjonijiet li waslet għalihom l-istess arbitru;

Illi minn eżami tal-provi kollha fl-atti jirriżulta li d-dinamika tal-inċident hija waħda ċara. Il-vettura tal-appellant Joseph Farrugia intimat kienet qed tiġi misjuqa fuq quddiem fi Triq Viani, Rabat, Għawdex. Il-vettura tal-intimat Joseph Xuereb kienet qed tinstaq eżatt

fuq wara. Mill-fatti jirriżulta li ż-żewġ vetturi ma setgħux kienu qed jinstaqu b'wisq veloċita' in vista' li kienu għadhom kif daru kantuniera 90% minn Triq ir-Repubblika għal ġo triq Viani u wkoll għaliex it-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda residenzjali b'karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat. L-appellant intimat Joseph Farrugia kien qed isuq bl-intenzjoni li jiġi quddiem il-garaxx proprjeta' tiegħu u jdaħħal il-vettura fl-istess garaxx fuq in-naħa tax-xellug tat-triq. L-intenzjoni ta' Joseph Xuereb kienet li jibqa għaddej fit-triq għal destinazzjoni oħra.

Jirriżulta għalhekk li filwaqt li l-appellant Joseph Farrugia ma kellux se mai konjizzjoni ta' dak li kien qed jiġri warajh, min-naħa l-oħra Joseph Xuereb li kien wara kien qed jara ben tajjeb dak li kien qed iseħħ quddiemu anki għaliex fejn seħħ l-inċident it-triq hija fid-dritt. F'ħin minnhom jirriżulta inkontestat li Joseph Farrugia għamel manuvra bil-vettura lejn il-lemin tiegħu liema manuvra huwa jispjega li saret sabiex ikun jista jdawwar għal ġewwa l-garaxx tiegħu fuq ix-xellug tat-triq għaliex kien hemm il-vetturi pparkjati viċin ħafna tal-garaxx. Għalkemm hija manuvra straordinarja l-Qorti tqis li din hija manuvra normali fi triq residenzjali fejn wieħed isib diversi garaxxijiet u għalhekk hija manuvra li kull sewwieq għandu jistenna li tista' ssir xi ħin jew ieħor.

Illi għandu jingħad iżda li l-partijiet ma jaqblux fuq punt importanti dwar il-manuvra li għamel l-appellant bl-intenzjoni li jidħol fil-garaxx. L-appellant isostni li huwa xegħel l-*indicator* qabel għamel din il-

manuvra, l-appellat Joseph Xuereb isostni li waqt il-manuvra u qabel il-ħabta l-*indicator* ma kienx mixgħul u dan inxtegħel wara l-ħabta. Il-Qorti rat iż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet fejn rat li l-appellant gia fir-rapport mal-pulizija indika li huwa kien xegħel l-'indicator'. Min-naħa l-oħra fl-istess rapport l-appellat fil-verżjoni tiegħu sostna li l-apellant Joseph Farrugia ma kienx xegħel *indicator.* Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda tal-partijiet fl-atti u taqbel mal-appellat f'dan l-istadju li x-xhieda tal-appellant Joseph Farrugia verament hija waħda inkonsistenti ħafna tant li l-verżjoni dwar ċertu dettalji nbidlet diversi drabi. Min-naħa l-oħra l-appellat Joseph Xuereb kien skjett fix-xhieda tiegħu fejn qal li ra li l-'indicator' inxtegħel wara li seħħ l-inċident kif ukoll xehed kif kien wara l-inċident li l-appellant ħareġ in-numru ta' reġistrazzjoni mill-garaxx. Il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-appellat Joseph Xuereb hija aktar kredibbli u cioe' li l-appellant ma kellux l-*indicator* mixgħul fil-ħin tal-inċident.

Illi għalkemm qed jiġi konkluż li l-appellant ma xegħelx *indicator* qabel ma għamel il-manuvra dan mhux neċessarjament ifisser li l-inċident seħħ tort tiegħu jew unikament tort tiegħu. Evidentement l-appellant apparti li naqas li jixgħel l-*indicator* ukoll naqas mill-obbligu tal-*proper lookout* meta ma ħax kont tal-vetturi li kienu ġejjin warajh u x'qed jagħmlu qabel għamel il-manuvra.

Illi minn naħa l-oħra iżda l-appellat Joseph Xuereb kellu l-vantaġġ li kien qed isuq fuq wara tal-vettura misjuqa mill-appellant u allura kien

suppost qed jara dak li qed jiġri quddiemu.  Bħala l-vettura li kienet qed tinstaq fuq wara kellu wkoll l-obbligu tal-*proper lookout* u wkoll li jżomm id-debita distanza mill-vettura ta' quddiemu sabiex appuntu jekk ikun hemm xi manuvra mill-vettura ta' quddiemu dan jinduna biha u jaġixxi skont il-każ.  Jirriżulta lill-Qorti fil-każ odjern li l-appellat Joseph Xuereb malli ra l-vettura ta' quddiem qed timmanuvra lejn il-lemin huwa assuma li għamlet hekk għaliex kienet ser tipparkja fuq il-lemin u għalhekk baqa għaddej bi dritt għaliex ħaseb li l-vettura ta' quddiemu ser tibqa sejra lejn il-lemin biex tipparkja.  Dan ifisser li l-appellat baqa dieħel bil-vettura tiegħu fl-ispazju tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-appellant, il-vetturi pparkjati u l-garaxx li fih kellu l-intenzjoni li jidħol l-appellant.  Evidentement l-appellat assuma ħażin għaliex il-vettura tal-appellant daret lejn ix-xellug biex tidħol għal ġol-garaxx u għaliex hu ma kienx waqaf seħħet il-ħabta.  Il-Qorti tqis li fi triq residenzjali miżgħuda bil-garaxxijiet l-assunzjoni tal-appellat li l-vettura kienet ser tipparkja fuq il-lemin u mhux ser ddur għal ġo garaxx kienet waħda azzardata.  Aktar u aktar meta wieħed iħares lejn ix-xhieda tal-istess Joseph Xuereb fejn huwa u jiddeskrivi l-manuvra ta' Joseph Farrugia jagħti x'jifhem li din kienet manuvra kontinwa u ghalhekk ma kienx hemm waqfien fuq in-naħa tal-lemin:

'Jiena kont qed insuq wara l-intimat.  Kont inbiegħed tul ta' madwar tlett karozzi.  L-intimat kiser in-naħa l-oħra u ħsibtu ser jipparkja.

Nikkonferma li jiena kont ġej bit-30 kilometru u l-intimat rajtu jikser lejn il-lemin, u imbagħad jikser għal fuqi.'

B'dik il-manuvra qed issir quddiemu l-appellat rikorrent, sabiex jiġi meqjus li eżercita' *proper lookout* kellu jnaqqas il-veloċita' jekk mhux jieqaf sakemm jikkonferma l-manuvra tal-vettura ta' quddiemu u mhux jgħaddas rasu u jibqa' għaddej. In vista tal-brakemarks li ħalliet il-vettura ta' Joseph Xuereb kif jirriżultaw mill-iskizz u b'referenza għax-xhieda tiegħu stess fejn jgħid li huwa ra l-vettura tal-appellant tagħmel il-manuvra lejn il-lemin meta kien għadu madwar tlett vetturi l-bogħod mill-vettura tal-appellant, jirriżulta lil din il-Qorti li li kieku l-appellat eżercita' hu wkoll *proper lookout* u waqaf jew naqqas il-veloċita', l-inċident seta' jiġi evitat.

Illi hawnhekk f'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għal konklużjoni partikolari li waslet għaliha l-arbitru fil-lodo tagħha. L-arbitru sostniet li r-rikorrent appellat ħaseb li l-vettura tal-appellant kienet ser iddur:

'Ix-xufier tal-vettura ABD 885 li kienet fuq wara, Joseph Farrugia, jispjega li meta ra lix-xufier ta' quddiem idur fuq il-lemin, huwa istantanjament ħaseb li kien ser idur u għalhekk baqa' jsuq sabiex jiskapulah.'

Il-Qorti rat li dan is-suppost fatt ma joħrog minn imkien mill-atti tal-arbitraġġ lanqas mix-xhieda ta' Joseph Xuereb appellat li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Fil-fatt mir-ritratti u l-iskizz li sar tal-inċident ma jirriżultax li kien hemm xi triq li fiha seta' jdur l-appellant f'dik il-parti tat-triq li seħħ l-inċident. Jirriżulta għalhekk li l-arbitru dwar dan il-punt kienet kompletament żbaljata. Din l-assunzjoni skorretta da' parti tal-arbitru setgħet faċilment wasslitha sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha li l-Qorti in vista tas-suespost tqis li mhumiex korretti u ma jirriflettux il-verita' tal-fatti. Il-Qorti wkoll ma tistax tifhem x'inhi r-raġuni li fil-lodo tagħha l-arbitru analizzat biss verżjoni waħda tal-fatt kif mogħtija u applikat uħud mir-regolamenti tat-traffiku għall-istess u injorat b'mod assolut il-verżjoni l-oħra u l-bqija tar-regolamenti applikabbli partikolarment l-obbligi li jinkombu fuq ix-xufier ta' wara, għalhekk il-Qorti ma tqisx li l-konklużjonijiet raġġunti mill-arbitru jiprovdu bilanċ ġust b'bażi legali bejn il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet u d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident.

12. Illi din il-Qorti in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti u minn analiżi tal-provi kollha fl-atti tqis li l-aggravju tal-appellant Joseph Farrugia huwa ġustifikat biss in parti fis-sens li din il-Qorti tqis li l-inċident in kwistjoni seħħ minħabba nuqqas ta' eżerċizzju ta' *proper lookout* u osservanza tar-regolamenti da parti taż-żewġ partijiet b'dana li r-responsabbilta' tal-inċident tinkombi ugwalment nofs bin-nofs bejniethom.

**Deċizjoni**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta u tiddeċiedi l-appell interpost billi filwaqt li tilqa' limitatament l-aggravji tal-appellant sakemm dawn huma konsistenti ma' dak hawn fuq deċiż, tilqa' biss limitatament ir-risposta tal-intimat appellant, tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka d-deċizjoni tal-arbitraġġ appellata datata 17 ta' Marzu, 2022 in toto u tiddeċiedi dwar it-talba tar-rikorrenti u r-risposta tal-intimati kif isegwi:**

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti Xuereb u tiddikjara li Joseph Xuereb u Joseph Farrugia kienu ugwalment responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 ta' Settembru 2016 fi Triq Viani, Victoria, Għawdex, bejn il-vettura bin-numru BCA 341 misjuqa minn Joseph Farrugia u proprjeta' ta' JF Motors u assigurata mal-intimata Citadel Insurance plc fuq naħa u l-vettura ABD 885 misjuqa mir-rikorrent Joseph Xuereb u proprjeta' ta' Frank Xuereb.
2. Tilqa' limitatament it-tieni talba u tikkundanna lil Joseph Farrugia u lis-socjeta' intimata sabiex iħallsu nofs l-ammont tad-danni sofferti mir-rikorrenti Xuereb u cioe' s-somma ta' sitt mija u disa' Euro u ħamsin ċenteżmu (€609.50) u dan per konsegwenza tad-danni sofferti mir-rikorrenti bl-incident *de quo.*

3. Tilqa′ limitatament it-tielet talba tar-rikorrenti u tikundanna lis-soċjeta′ intimata sabiex tħallas nofs id-drittijiet u l-ispejjeż tal-proċedura tal-arbitraġġ, nofs id-drittijiet u l-ispejjeż tal-ittra tat-18 ta′ April 2017 u nofs id-drittijiet u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 2016/2017 datata 14 ta′ Mejju 2017.
4. Tilqa′ limitatament ir-raba′ talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu l-interessi legali kollha fuq id-danni likwidati dovuti lir-rikorrenti mid-data ta′ din id-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż tal-istanza tal-appell għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**(ft.) Onor. Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imħallef**

**(ft.) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**